# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 29**

**Citaz. Nru. 2500/96GV**

Doc. 142-01

**Mario u Anna konjugi Spiteri**

**vs**

**Frederick Cauchi**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fit-18 ta' Jannar, 1996 waqt li l-istanti Mario Spiteri kien isuq il-*car* Vauxhall numru E-7565 fl-Imsida din sfat involuta f'habta mal-*car* Alfa Romeo numru H-6354 u garbet hsarat u l-istess Mario Spiteri safa' mwegga u ser jibqa' jsofri l-konsegwenzi tal-feriti li garrab.

Premess illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba inprudenza, negligenza, imperizija u inosservanza tar-regolamenti izda dan injora s-sejha ta' l-istanti ghall-hlas tad-danni.

L-atturi talbu lil din il-Qorti :

1 tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat sofrew l-istanti;

2 tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3 tikkundanna lil konvenut ihallas lill-istanti l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut *in linea* tad-danni.

Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta' ittra ufficjali u konsulti (kompriza VAT), dawk tal-ittra ufficjali tal-lum lil assikuratrici tal-konvenut (Micallef Insurance Agency Ltd nomine) u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' Eccezzjonijiet tal-konvenut Frederick Cauchi a fol. 51 tal-process fejn eccepixxa :

1. Illi, referibbilment ghall-ewwel talba attrici, dina hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-istess incident.

2. Illi t-tieni talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

3. Illi t-tielet talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjent ghandu jigi kkundannat li jaghmel fronti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol. 85;

Rat id-digriet a fol. 86;

Rat ir-rapport tal-espert mediku a fol. 93;

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali a fol. 107;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBIET**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti: tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li gara fit-18 ta' Jannar, 1996 fl-Imsida; tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat *in linea* ta' danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: li hu mhux responsabbli ghall-incident; illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati.

**Provi dwar il-habta**

Ex P.S. 432 P. Bonavia xehed li kien investiga dina l-kollizjoni li kienet wahda llum *bumper to bumper*. Hu kien ha l-verzjoni tal-partijiet li pprezenta mar-rapport. Minn dana r-rapport jirrizulta li z-zewg vetturi kienu gejjin minn Conception Street,

il-vettura ta' l-attur waqfet minhabba t-traffiku u l-vettura ta' wara tal-konvenut accidentalment dahlet fiha.

**Responsabilita' ghall-incident**

Illi m'hemmx kwistjoni li r-responsabilita' ghall-incident kienet tal-konvenut li baqa' diehel minn wara fuq il-vettura tal-attur li kien wieqaf qed jistenna t-traffiku biex jaqla'.

**Lesjonijiet imgarrba mill-attur**

**Certifikati medici**

L-attur xehed li f'dana l-incident kien sofra *whiplash injury* (Dok. XY) a fol. 64. Kien taht il-kura tal-Profs. C. Apap Bologna li hariglu certifikat Dok. C a fol. 7 u tah dizabilita' ta' 8%. Snin qabel kellu incident awtomobilistiku iehor fejn kien sofra wkoll *whiplash*. Hu kien thallas xi Lm4,000. Meta gara l-incident in kwistjoni hu ma kien qed ibati xejn minhabba l-incident precedenti.

Il-Profs. C. Apap Bologna xehed li fil-1988 l-attur kien ukoll taht il-kura tieghu minhabba *whiplash injury*. Imbaghad rega' kellu incident iehor fil-1996. Dwar *whiplash injury* xehed li ma tistax tghid li persuna tkun fieqet ghal kollox, ghax certi difetti jibqghu. Meta jerga' jkun hemm *whiplash injury* l-effett ser ikun aktar gravi u aktar sostnut u iktar fit-tul. L-8% li hu tah lill-attur ma jistax jigi attribwit ghat-tieni incident ghal kollox. Mill-ewwel incident xi ftit difetti jibqu zgur. Ghat-tieni incident jista jkun hemm 5% dizabilita'.

L-attur esebixxa certifikat mediku tal-Profs. V. Griffiths (fol. 82) li kien ezaminah fuq struzzjonijiet tal-assikurazzjoni Bonfam fil-1990 u dan kien sab li hu kellu 10% *disability*.

**Espert Mediku**

Il-Qorti ghalhekk innominat lill Dr. Charles Casha Orthopaedic Spinal Surgeon biex jirrelata dwar id-dizabilita’ ta’ l-attur wara dan l-incident u wara li jiehu konjizzjoni ta’ dak li xehed il-Profs. C. Apap Bologona u c-certifikat mediku ezibit u mahrug mill-Profs. V. Griffiths (fol. 86).

Dr. Casha pprezenta r-rapport tieghu fejn sab li l-attur ghandu dizabilita’ permanenti ta’ 9% izda d-disabilita’ mhiex mill-incident biss ta’ l-ahhar. Jaccetta li jista’ jkun hemm titjieb bil-mod fis-sintomi ta’ *whiplash* u *chronic neck pain*, izda ma jkunx hemm miljoramenti totali. Fl-istima tieghu d-dizabilita’ setghet titjieb minn 8% ghal 6% qabel l-incident. Dan l-ezami sar tlett snin wara t-tieni incident u ghalhekk ma tistax tistenna izjed kambjament ghall-ahjar.

**Periti addizzjonali**

Il-konvenut ma kienx accetta dan ir-rapport u talab in-nomina ta’ periti addizzjonali. Dawn gew nominati u pprezentaw rapport li jinsab a fol. 107. L-esperti A. Bernard, R. Gatt u F. Zammit Maempel waslu ghall-konkluzzjoni li fl-incident tan-1996 Spiteri qajjem is-sintomi li kellu mill-incident tal-1988 u ma sabu ebda xiehda ta’ deterjorament jew dannu gdid rizultat ta’ l-incident ta’ l-ahhar. B’konkluzzjoni huma tal-fehma li l-attur ma garrab ebda dizabilita’ permanenti bhala rizultat ta’ l-incident tan-1996. Fir-ritratti (X Rays) li hadu fis-sena 2000 ma sabu ebda xiehda li kien hemm xi dannu sinifikanti fil-ligamenti t’ghonqu.

Wara dana r-rapport il-partijiet ipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet.

L-attur qed jissottometti li l-perit Mediku Dr. Casha kien attribwixxa dizabilita’ relatata ghal kull wiehed miz-zewg incidenti. Il-periti addizzjonali kkonkludew li t-tieni incident rega’ qajjem is-sintomi ta’ l-ewwel incident, tort tal-konvenut, u ghalhekk l-attur m’ghandux ibati l-ispejjez tal-perizji.

**Damnum Emergens**

L-attur sewwa l-hsarat fil-karozza skond *survey* li kien sar mill assikurazzjoni tal-konvenut ghand il-Melbourne Garage skond ricevuti a fol. 38 - 41.

| | |
|---|---|
| Ricevuta tal-Melbourne Garage | Lm120.75 |
| Ricevuta ta' George Garage | Lm 5.00 |

Dwar lesjonijiet imgarrba mill-attur jirrizulta li wara l-incident hu ghamel spejjez kif muri mir-ricevuti biex jikkura ruhhu. Fil-fehma tal-Qorti l-attur ghandu dritt ghal dawn l-ispejjez ghax kien hemm htiega ghalihom minhabba it-tieni incident u ghandhom jiffurmaw parti mid-danni emergenti f'dina l-kawza.

Fol. 9 - tlett ricevuti ta' Dr. C. Apap Bologna fl-ammont ta' - Lm30.00
Fol. 17 - Ricevuta ta' St. Philips Hospital - Lm10.00
Fol. 18 sa 37 - Ghoxrin ricevuta ta' St. Philips Hospital bis-Lm6 il-wahda - Lm120.00

**Lucrum Cessans**

Kwantu ghal *lucrum cessans*, il-Qorti rarament ghandha tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku jew mediku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana u jinducu lill-Qorti biex tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku (Bonnet vs Lewis App 1/3/94). Fil-kaz in ezami l-attur ma ressaqx ragunijiet simili anzi jidher li fehem il-posizzjoni tal-esperti u appella lill Qorti li taghmel gustizzja mieghu billi takkordalu *arbitrio boni viri* kumpens stante li l-esperti ma setghux jinkwadraw il-kaz fil-formoli stabiliti u zviluppati mill-gurisprudenza. Il-konvenut oppona ghal-dina t-talba.

Il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq dana l-punt, tasal ghall-konkluzzjoni li hi ma tistax takkorda kumpens *arbitrio boni viri* ghas-segwenti ragunijiet. L-attur kien diga' thallas xi Lm4,000 ghal lesjoni li garrab fil-1988 u jirrizulta li hu qatt ma seta' fieq kompletament minn dika l-*injury*. Dan hu konfermat kemm mill-Profs. Apap Bologna kif ukoll minn Dr. Casha. Inoltre skond l-esperti addizzjonali ma kien hemm ebda xiehda ta' deterjorament jew dannu <u>gdid</u> rizultat ta' l-incident tal-1996. L-attur ma garrab ebda dizabilita' permanenti bhala rizultat ta' dana l-incident. Fl- X-Rays li hadu fil-2000 ma sabu ebda xiehda li kien hemm xi dannu sinifikanti fil-ligamenti t'ghonqu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li gara fit-18 ta' Jannar, 1996 fl-Imsida;

tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm285.75

tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut stante li t-tieni incident rega' qajjem is-sintomi ta' l-ewwel incident, tort tal-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**